**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tad-29 ta' Settembru 2009 — Kerstens vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-102/07)** [1]

***(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Promozzjoni — Proċeduri ta' promozzjoni 2004, 2005 u 2006 — Għoti ta' punti ta' prijorità — Punti ta' prijorità mogħtija mid-Diretturi Ġenerali — Punti ta' prijorità li jirrikonoxxu x-xogħol imwettaq fl-interess tal-istituzzjoni — Prinċipju ta' nondiskriminazzjoni — Obbligu ta' motivazzjoni)***

(2010/C 24/130)

*Lingwa tal-kawża:Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Petrus Kerstens (Overijse, il-Belġju) (rappreżentanti: C. Mourato, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: inizjalment K. Herrmann u M. Velardo, aġenti, sussegwentement C. Berardis-Kayser u G. Berscheid, aġenti)

**Suġġett**

L-annullament ta' diversi deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-għoti lir-rikorrent ta' punti ta' prijorità tad-Direttorat Ġenerali (PPDĠ) u/jew ta' punti ta' prijorità bħala rikonoxximent tal-kompiti supplimentari mwettqa fl-interess tal-istituzzjoni (PPKS) skont il-proċedura ta' promozzjoni 2004, 2005 u 2006.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

---

[1] ĠU C 297, 8.12.2007, p. 49.

---

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tad-29 ta' Settembru 2009 — Wenning vs Europol**

**(Kawża F-114/07)** [1]

***(Servizz pubbliku — Persunal tal-Europol — Tiġdid ta' kuntratt ta' aġent tal-Europol — Artikolu 6 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Europol — Rapport ta' evalwazzjoni)***

(2010/C 24/131)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Rainer Wenning (Den Haag, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: inizjalment G. Vandersanden u C. Ronzi, avukati, sussegwentement L. Levi, avukat)

*Konvenut:* L-uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) (rappreżentanti: inizjalment B. Exterkate u D. El Khoury, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur u R. Van der Hout, avukati, sussegwentement D. El Khoury u D. Neumann, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur u R. Van der Hout, avukati)

**Suġġett**

Minn naħa waħda, annullament tad-deċiżjoni tal-Europol, tal-21 ta' Diċembru 2006, li tirrifjuta t-tiġdid tal-kuntratt u r-reintegrazzjoni tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, il-kundanna tal-Europol sabiex iġġedded il-kuntratt tar-rikorrent għal 4 snin mill-1 ta' Ottubru 2007, u t-talba għad-danni.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

---

[1] ĠU C 315, 22.12.2007, p. 47.

---

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-10 ta' Settembru 2009 — Behmer vs Il-Parlament**

**(Kawża F-124/07)** [1]

***(Promozzjoni — Sena ta' promozzjoni 2006 — Eżami komparattiv tal-merti)***

(2010/C 24/132)

*Lingwa tal-kawża:Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Joachim Behmer (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, É. Marchal, avukati)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: C. Burgos u R. Ignătescu, aġenti)

**Suġġett**

Annullament, minn naħa, tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tal-Parlament Ewropew li tagħti żewġ punti ta' mertu lir-rikorrent għas-sena 2005, u min-naħa l-oħra, tad-deċiżjoni li ma tippromwovix lir-rikorrent għall-grad AD 13 fil-kuntest tal-proċedura ta' promozzjoni 2006.